# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **22** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Erbgħa 18 ta' Mejju 2011 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal għall-laqgħa fis-6.20p.m)<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għall-laqgħa fis-6.20p.m) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 20 u 21.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoi ta' sejħiet għall-offerti u Kwotazzjonijiet.
    a. MLC 03/2011 – Quotation for Lease of premises as a training centre to be used by Marsaskala Local Council.
    b. KLM 2011/05 - Air Quality Specialist at Marsaskala Local Council.
6. Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-Sena Jannar-Marzu 2011.
7. Mistoqsijiet
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 20(1) tal-14 ta' April 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 2 punt #2.3 trid tinqara hekk *"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsill rigward paġna 13 punt 7.6, fejn issuġġerixxa li għad-dawl tal-grawnd ta' l-iskola ser jitwaħħlu 4 rifletturi bl-LED'S".*

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 5 punt #3.9 irid jinqara hekk *"Il-Kunsill rebaħ"* mhux "Il-Kunsillier rebaħ".

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

1.2 **Laqgħa Nru 21(1) tad-19 ta' April 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Minuti tal-Laqgha Nru 20(1) tal-14 ta' April, 2011.

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 2 punt #2.3, fuq dan ir-rigward informa lill-Kunsill li twaħħlu dwal konvenzjonali flok.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 5 punt #3.12, is-Sur John B. Camilleri kien issuġġerixxa li issir xibka fuq dawn il-gradilji u jiġu iwweldjati għaliex biex jinbidlu jqumu ħafna flus, u fuq dan wera` xi ritratti lill-Kunsill kif għandhom jiġu dawn il-gradilji. Il-Kunsill approva unanimament.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Proġett ta' l-Unjoni Ewropeja fuq Internal Mobility (#35/2171/11):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-kumpanija D.Consulta applikat għal dan il-proġett fejn il-Kunsill jista` jirbaħ is-somma ta' €449,960.41 fuq dawn il-5 affarijiet

1. *Information, advice and training workshops on energy management issues.*
2. *Raising awareness on energy efficiency, renewable energy sources and transport issues through printing of leaflets, billboards.*
3. *Installation of bike racks*
4. *Provision of hiring bikes*
5. *Purchase of electric mini bus*

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li jekk isir dan il-proġett il-Kunsill ikun wieħed mill-ewwel Kunsilli li jippromwovu karozzi bl-elettriku fil-lokal. Dawn huma il-karozzi tal-futur u b'hekk ikun ikollna *charging points* madwar il-lokal anke għar-residenti li se jinvestu f'dawn il-karozzi. Il-Kunsill ikun jista` jitlob xi *charges* għal dan is-servizz għal dawk li jużaw l-*eletric mini bus* li jkun idur madwar il-lokal.

Il-Kunsill approva unanimament li għandna napplikaw għal dan il-proġett.

3.2 **<u>Konfini mill-Pjazza – Opportunita` lill-Kunsilli Lokali (#35/2213/11/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mis-Sinjura Krista Caruana għat-Team tal-Produzzjoni Sound Vision Print, fejn isir programm ta' siegħa u kwart fuq One TV dwar dak li l-Kunsill ikun qed iwettaq jew beħsiebu jwettaq fil-lokal u minbarra diskussjonijiet li jsiru, it-team tal-produzzjoni ħaseb ukoll li jagħti l-opportunita` biex tul it-trasmissjoni tingħata opportunita` lit-talent lokali u jew nazzjonali biex jipparteċipa fil-programm. Għal dan il-programm qed tintalab is-somma ta' €1,000.

Is-Sindku ppropona li fuq dan nistgħu nitolbu *sponsorship* mingħand tal-ħwienet u b'hekk nagħtu ċ-ċans lilhom ukoll li jkollhom xi tip ta' reklam.

Il-Kunsill approva unanimament li jipparteċipa f'dan il-programm.

3.3 **<u>Greensland LOCommittment (#35/2114/11/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed jipproponu proġett fuq karozzi ta' l-elettriku u *charging points* fil-lokal, bħal item #3.1, u li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala kien applika wkoll biex jipparteċipa f'dan il-proġett min-naħa ta' l-AKL.

Il-Kunsill approva unanimament li l-Kunsill japplika għal dan il-proġett min-naħa tal-Assoċjazzjoni wkoll.

3.4 **<u>Ittri anonimi mibgħuta lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (#35/2190/11/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Direttur tad-Dipartiment ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rċieva żewġ ittri anonimi, waħda fuq l-Accountant tal-Kunsill u l-oħra fuq Tender KLM2010/11 Ġbir ta' Skart imħallat. Is-Segretarju wieġeb għall-dawn l-ittri lid-Direttur liema kopja tagħhom kienet intbagħet lill-Kunsilliera b'*email.*

3.5 **<u>Korrispondenza li rċivejna mingħand is-Sindku ta' Maardu ġewwa l-Estonja:</u>**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna stedina mis-Sindku ta' Maardu biex intelgħu d-delegazzjoni tagħna, pero` il-Kunsill kienet se tiswiħ ħafna flus, għalhekk fid-dawl ta' dan is-Sindku ppropona li din l-istedina ma tiġiex milqugħa.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.6 **Pjan ta' tender tal-Bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici KLM2011/06:**

Is-Segretarju informa fid-dettal lill-Kunsill dwar il-pjan ta' tender tal-Bandli Mifsud Bonnici fejn qal li:

1. F'din il-laqgħa irid jiġi maħtur bord ta' aġġudikazzjoni.
2. Fit-2 ta' Ġunju, 2011 – Jagħlaq it-tender.
3. Sal-14 ta' Ġunju, 2011 – Il-Perit jnigħed ir-rapport tiegħu.
4. Mit-22 ta' Ġunju, 2011 sal-15 ta' Lulju, 2011 – Jiltaqa` l-bord sabiex jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu .
5. Fil-21 ta' Lulju, 2011 – Għandha ssir il-laqgħa tal-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni lil liema kuntrattur ser jintgħażel.
6. Fit-22 ta' Lulju, 2011 – Titwaħħal id-deċiżjoni fin-*notice boards* u tintbagħat *email* lil min ittenderja (subject to UIF Funds). Nibgħatu d-deċiżjoni tal-Kunsill lill-UIF.
7. Sa 1 ta' Awissu, 2011 – Time for appeal.
8. Sa 1 ta' Ottubru, 2011 – Risposta mill-UIF jekk laqgħux il-proġett tagħna.

Il-Kunsill approva li l-bord ta' aġġudikazzjoni se jkun format mis-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsilliera John B. Camilleri, Lawrence Ciantar u George Farrugia assistit mill-Perit li pprepara t-tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn li jsiru xi emendi fuq dan it-tender u dawn it-tenders iridu jiġu approvati minn Inġienera speċjalizzati minflok mill-*Malta Standards Authority* skond il-korrispondenza li rċivejna u li kienet aċċettata wkoll mill-UIF.

Il-Kunsill approva unanimament li jsiru l-emendi neċessarji u rigward il-*capital project* għandha tibqa` bejn €150,000 u €180,000, kif kien deċiż fil-minuti ta' qabel.

3.7 **Ittra mill-Għaqda Bajja San Tumas (#35/2173/11/I):**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mingħand l-Għaqda Bajja San Tumas fejn qed jirreferu fuq kwistjoni li kien hemm bejnu u bejn is-Sur Rio Sammut li huwa membru f'din l-għaqda, fuq xi rampa l-Bajja ta' San Tumas. Is-Sindku spjega li din il-kwestjoni ġiet risolta peress li r-rampa ġiet mdawra ftit ieħor u twaħħlu xi barrikati biex jitnaqqas l-periklu speċjalment għad-diżabbli. Ir-rampa kient ġiet modifikata mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

3.8 **Rocatac Malta Tour 2011 (#35/2253/11/I):**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Charles Curmi, Direttur ta' Curmi Promotions f'Sydney fejn talab lill-Kunsill huwiex interessat li l–banda tiegħu tipparteċipa fil-lokal tagħna għas-somma ta' €1500.

Il-Kunsill rah li s-somma mitluba hija waħda eċċessiva u b'hekk iddeċieda li ma tipparteċipax

3.9 **Trail Run (#35/2328/I):**

Il-Kunsilliera is-Sur Jesmond Mugliett ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn qal li se tiġi organizzata *trail run/walks* b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u ż-żgħażagħ tal-Kottonera fl-inħawi ta' Bajja San Tumas.

Il-Kunsill approva unanimament li jsir il-ħlas ta' €80 għal *clean up* li se jsir minn dawn iż-żgħażagħ. Il-Kunsillier Jesmond Mugliett għandu jikkordina dan l-avveniment.

3.10 **Ittra ippubblikata mill-Independent:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li ġiet ippubblikata ittra fuq il-ġurnal *The Independent* fit-3 ta' Mejju, 2011 mis-Sur Charles Gauci fejn qed jinsinwa li l-Kunsill se jagħmel proġett fi Ġnien Sant'Anna li se jdawwar dan il-post f'*car park* u ħwienet. Dan kompla jinsinwa li l-Kunsill qed jagħmel xi ħaġa minn wara dahar ir-residenti. Is-Sindku ħass li dan l-artiklu huwa libelluż u b'hekk mingħajr dewmien għamel ir-risposta tiegħu bid-dritt tar-*right of reply* u mingħajr preġudizzju liema risposta ġiet ippubblikata l-għada stess mill-Editur. Is-Sindku żied jgħid li għandu d-dubju tiegħu jekk hux veru l-isem ta' Charles Gauci hux veru resident minn Marsaskala jew xi isem fittizju. Il-każ ġie għall-attenzjoni wkoll tal-Avukat tal-Kunsill Dr. Veronique Dalli.

Is-Sindku żied jgħid li fuq kollox il-permess tal-bini amministrattiv ġie applikat għalih fl-2004 meta hu lanqas biss kien għadu fil-Kunsill. Is-Sindku qal li anke flus kien hemm mfaddla mill-Kunsill ta' qabel. Huwa żied jgħid li dan il-proġett kien wieħed sostenibbli u l-Kunsill ta wara komplew fuq l-istess linja. Tajjeb wieħed jgħid ukoll illi l-proġett applika għalih l-MTA iżda din id-darba b'mod ħolistiku fejn kien ser jinvolvi l-ġnien kollu u Alla jbierek ħadd ma tkellem.

- **Proġett ta' Monita:**

Hawn ukoll is-Sindku ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill għad-diskors tal-Onor. Dr. George Vella MP Laburista fil-Parlament li mingħajr ma kien infurmat sewwa, għamel allegazzjonijiet fuq il-Kunsill kollu ta' Marsaskala meta qal illi hemm bini mostruż ta' Monita li nbena mingħajr ma' l-Kunsill qatt ma oġġezzjona. Is-Sindku kompla jgħid lil-Kunsilliera kważi kollha kienu urtati mhux bil-ftit b'dan l-aġir. Dan għax ma' Ta' Monita issemma wkoll il-Ġnien Sant'Anna fejn qal li kien ser isir balla konkos ukoll u li l-Kunsill kien jaf x'qed jiġri minn wara dar ir-residenti. Is-Sindku kompla jgħid illi meta ġie ikkuntatjat mill-ġurnal Malta Today biex jirribatti ċertu insinwazzjonijiet kien spjega kemma dan ma kienx minnu u li George Vella kien miżinfurmat. Huwa kompla jgħid ukoll li klikka żgħira tas-soltu anke waslu biex qasmu kopja tal-Malta Today fejn kien hemm l-intervista tas-Sindku bil-kliem li Mario s-Sindku irid ikisser l-unika ġnien li fadal f'Marsaskala f'ċertu djar. Dan apparti l-emails li ntbagħtu minn ċertu nies. Il-Kunsilliera kollha jafu li dan mhux minnu għax kieku mhux qegħdin fi stadju ta' ħruġ ta' espressjoni ta' nteress, skond deċiżjoni meħuda mill-Kunsill.

Hawn tkellem ukoll il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ex Sindku u li meta fl-2004 ħarġu l-permessi f'Ta' Monita kien Sindku li staqsa il-Kunsillier John Baptist Camilleri kemm ma kienx minnu li huma fil-Kunsill ta' dak iż-żmien ma kienux oġġezzjonaw għall-Proġett Ta' Monita. L-ex Sindku kompla jgħid li kien saħansitra marru l-MEPA u raw anke xi pjanti minn fejn kellhom jgħaddu t-trakkijiet tal-kostruzzjoni waqt il-bini tal-proġett.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier John Baptist Camilleri qablu bejniethom li l-Kunsill ta' dak iż-żmien kien oġġezzjona għall-bini ta' Monita u mhux kif ġie allegat fid-diskors ta' Dr Vella li ma sarux oġġezjonijiet.

3.11 **Il-proġett ta' l-Għargħar mill-MRRA.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill pjanti fejn qed juru il-proġett ta' kontra l-għargħar mill-MRRA.

Is-Sindku qal li dan il-proġett fil-bidu kien qed jippropini li l-ilma tax-xita miġbur kien se jiġi devjat lejn ix-Xgħajra ħdejn l-*ismart city*, pero` minħabba l-possibilita` ta' *marine disturbance* ma ġietx milqugħa l-applikazzjoni mill-MEPA u f'dan ir-rigward ġew ppropronuti siti oħra fejn għandu jmur l-ilma tax-xita.

Is-Sindku kiseb informazzjoni li l-ilma miġbur ta' Ħaż Żabbar kien ser jispiċċa kollu fejn l-pixxina. Huwa kompla jgħid li saret laqgħa mal-Perit Carmel Mifsud Borg mill-MRRA u wara diskussjonijiet ġie deċiż li l-ilma ta' Ħaż Żabbar kollu flok imur Triq San Ġwakkin u Pjazza Dun Tarcis Aguis jiġi devjat lejn Għar id-Duħħan pjuttost ħdejn Torri De Redin.

Il-Kunsill approva ċioe` proposta 5.

3.12 **Quotations għall-printers ġodda:**

3.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jinxtara *Colour Printer/Scanner/Copier/Fax* għar-*reception area*, minħabba li wieħed mill-*printers* m'għadux jaħdem u l-ieħor kien ilu hemm għal aktar minn 10 snin.

| Company | Scan Malta | PC Wizards | Avantech |
|---|---|---|---|
| Dimension | HP CM1415fn<br>443 x 472 x 415mm | HP CM1415fn | Canon MF4570<br>390 x 421 x 370<br>4-in-1 |
| Price | €465.00 Inc Vat | €592.99 Inc Vat | €350.00 Inc Vat |
| Toners | €67.71 Black<br>€64.41 Colour | €79.90 Black<br>€76.00 Colour | €80.00 Black<br>No Colour |

Il-Kunsill approva li jinxtara mingħand Scan Malta għall-ammont ta' €465.00.

3.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jinxtara Colour LaserJest Printer għal-*administration office*, ukoll biex jevita l-ispejjeż ta' *ink cartridges.*

| Company | Scan Malta | PC Wizards | Avantech |
|---|---|---|---|
| Dimension | HP CP1025<br>399.6 x 402.1 x 251.5mm | HP CP1025 | Canon MF4410<br>390 x 414 x 301<br>3-in-1 |
| Price | €236.00 Inc Vat | €367.00 Inc Vat | €239.00 Inc Vat |
| Toners | €52.12 Black<br>€57.20 Colour | €67.50 Black<br>€67.50 Colour | €80.00 Black<br>No Colour |

Il-Kunsill approva li jinxtara mingħand Scan Malta għall-ammont ta' €239.00.

3.13 **Korrispondenza mingħand l-Avukat Lynn Zahra (35/2332/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Avukat Lynn Zahra qed tikteb f'isem is-sur Joseph Grima fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex titpoġġa *sleeping policeman* f'Wied iz-Ziju.

Il-Kunsill approva li nibgħatu din l-ittra lil Transport Malta.

- Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li għandu jsir xi tip ta' sorveljanza fil-lokalita` tagħna u rigward l-eċċess fil-ħsejjes speċjalment l-istorbju li qed ikun hemm fil-baħar minn xi tip ta' opri tal-baħar u anke fit-toroq minn karozzi li jagħmlu ħafna storbju. Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li nagħmlu laqgħa mal-Pulizija dwar dan.

3.14 **Laqgħa mar-rappreżentanti tas-Soċjeta` Nazzjonali tas-Salvataġġ Malta :**

Il-Kunsill stieden lis-Sur Orazio Zahra, Direttur tas-Soċjeta` Nazzjonali tas-Salvataġġ Malta sabiex jitkellem u jispjega fuq *lifeguard* fil-lokal. Is-Sur Zahra spjega li huma bħala soċjeta` għandhom bżonn l-għajnuna tal-Kunsill biex jagħmlu *lifeguard* fuq il-bajjiet tal-lokal tagħna.

Is-Sindku spjega li l-bajjiet ma jaqgħux taħt ir-responsabilta` tal-Kunsill, iżda tal-Awtorita` Marittima. F'dan ir-rigward is-Sindku talab rapport dettaljat lis-Sur Zahra biex il-Kunsill ikun jista` jgħin lil din is-soċjeta` billi nressqu l-proposti tagħhom lill-Awtorita` konċernata.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.15 **Memo 43/2011 – Skemi (#35/2426/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien bagħat din il-memo hawn fuq imsemmija rigward skemi ta' finanzjament speċjali għas-sena 2011.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li għal din is-sena ħafna mill-iskemi li l-Kunsill Lokali kien ibbenifika minnhom is-sena l-oħra ma reġgħux inħarġu din is-sena u ta' dan kien bagħat javża lid-dipartiment speċjalment rigward l-iskema *lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali* fejn il-Kunsill jirnexxielu jirkupra spejjeż kbar.

Il-Kunsill approva unanimanet li għandna napplikaw għal dawk l-iskemi kollha li nistgħu nibbenifikaw minnhom.

3.16 **Sleeping Policeman u Traffic Lights fi Triq il-Qaliet k/m Triq il-Vajrita (#35/2413/I):**

Is-Sindku qara petizzjoni li ġiet mibgħuta mir-residenti li joqgħodu fi Triq il-Qaliet k/m Triq il-Vajrita fejn qed jitolbu *Sleeping Policeman* u *Traffic Lights* f'dawk l-inħawi.

Il-Kunsill approva unanimament li niktbu lit-Trasport Malta.

3.17 **Applikazzjoni oħra fuq Internal Mobility sottomessa minn D. Consulta (#35/2419/I):**

Il-Kunsill ħa deċiżjoni fuq dan il-punt f'item 3.1.

3.18 **Ittra mis-Sur Joseph Salerno :**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Joseph Salerno kiteb ittra lill-Kunsill fejn qed jitlob li ssir venda aktar diċenti biex inġibu aktar turisti fil-lokal.

Il-Kunsill approva unanimanet li niktbu lis-Sur Salerno fejn ngħidulu li l-Kunsill se jaħdem fuqa.

3.19 **Ko-Finanzjament għall-Proġett tal-Unjoni Ewropeja – Regeneration of Tourism Market in Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill rigward l-ammont ta' €32,768.74 approvat għal ko-finanzjament fejn il-Kunsill irid jiffirma *agreement* mal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill kien talab għas-somma ta' €55,000 u għalhekk irid jara minn fejn se joħroġ l-ammont l-ieħor.

Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu d-differenza ċioe` ta' €22,231 ta' l-ammont, peress li l-ammont li se nieħdu huwa kbir ħafna.

3.20 **Ittra mill-MEPA dwar compliance certificate fil-librerija tal-Kunsill (#35/2507/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mingħand il-MEPA fejn qed tgħid li ma tistax toħroġ *compliance certificate* għall-librerija tal-Kunsill u b'hekk ma nistgħux indaħħlu l-meter tad-dawl.

Il-Kunsill approva li jirtira din l-applikazzjoni għall-meter tad-dawl minħabba li l-post ma kienx ġie mibni mill-Kunsill.

3.21 **Applikazzjoni għal Sherbourne li ġiet milquħa mill-Unjoni Ewropeja:**

Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni tagħna ġiet milqugħa mill-Unjoni Ewropeja fejn il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala kien qabel li jipparteċipa (seduta numru 16). Il-Kunsill se jkollu jibgħat massimu ta' 4 parteċipanti żgħażagħ (bejn 16 u 20 sena). Il-Kunsill irid b'mod urġenti jiddeċiedi min se jmur u kemm minħabba li l-biljetti iridu jinqatgħu malajr kemm jista` jkun. Is-Sindku qal li wieħed minn dan it-*ticket* se jiġi mħallas minn D. Consulta. Il-Kunsill innota li se jingħata rifużjoni ta' €100 fuq kull biljett ta' l-ajru u approva li l-kumplament għandu jitħallas mill-istudenti.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm 3 proġetti dwar dan l-ewwel wieħed ta' Sherbourne fuq *volunteering*, ieħor *Bee Keeping* li se jsir ġewwa l-Ungerija u l-ieħor ta' l-Artisti ġewwa Ateni.

Il-Kunsill approva li l-*leader* ta' dan il-grupp se jkun il-Kunsillier is-Sur George Farrugia u approva wkoll li noħorġu sejħa għal-kwotazzjonijiet biex jinkisbu l-biljetti bejn l-14 u 21 ta' Awissu għal Sherbourne.

3.22 **Ħinijiet tas-Sajf għall-Latrini Pubbliċi:**

Il-Kunsill approva unanimament li l-latrini pubbliċi għandhom jibqgħu miftuħin bil-ħinijiet kif ġejjien: Minn Ġunju sa l-aħħar ta' Settembru, 2011 l-*overtime* għandu jiġi maqsum bejn żewġ ħaddiema.

Mit-Tnejn sal-Ħamis sa l-10 ta' filgħaxija
Mil-Ġimgħa sal-Ħadd sal-11 ta' filgħaxija

Fil-ġimgħa tal-festa : Mit-18 ta' Lulju sal-24 ta' Lulju, 2011.

Mit-Tnejn sal-Ħamis sal-11 ta' filgħaxija
Mil-Ġimgħa sal-Ħadd sa nofs il-lejl

3.24 **Ittra mibgħuta mill-propjetarju ta' Etna Restorant (#35/2542/11/I):**

Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-propjetarju ta' Etna Restorant fejn qed jitlob li Triq id-Dugħ terġa ssir *one way* bil-kontra.

Il-Kunsill approva unanimament li peress li din it-triq ilha aktar minn 5 snin hekk, ma nistgħux nerġgħu indawruha.

Is-Sindku ssuġerixxa li almenu jitwaħħlu xi sinjali ta' direzzjoni fejn jinsab l-istabiliment Etna dejjem għas-spejjeż ta' l-istess propjetarju u bil-permessi meħtieġa.

3.25 **Żieda ta' Increment fin-Notch tas-Sinjorina Chantel Zammit:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sinjorina Chantel Zammit għandha tieħu żieda fin-*notch.*

Il-Kunsill qabel unanimament li minn effett 1 ta' Mejju, 2011 tkun skala 15 point 6.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.***

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

Il-Kunsill approva unanimament.

Kunsill Lokali: Marsaskala

Skeda Nru. 22

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 15/04/2011 sa 17/5/2011

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 265* | P.Piscopo | €177.00 | €177.00 | D | PF | Kiri tas-siggijiet - Gimgha l-Kbira | 22/04/11 | 50 | | | 3370/000 | |
| 266 | J.Attard Tool Service | €55.00 | €55.00 | D | PF | Diamond Wheel for concrete | 06/04/11 | 1476 | | 11/059 | 7320/000 | |
| 267 | J.Attard Tool Service | €388.00 | €388.00 | D | PF | TCTC Driller 50m SDS Max | 21/03/11 | 1356 | | 11/059 | 7320/000 | |
| 268 | JV Wood Works & DIY Service | €22.80 | €22.80 | D | PF | Wood | 19/04/11 | 86 | | | 2240/000 | |
| 269 | JV Wood Works & DIY Service | €101.50 | €101.50 | D | PF | Wood | 26/04/11 | 92 | | | 2240/000 | |
| 270 | Steve's Ironmongery | €125.00 | €125.00 | D | PF | Gyzer | 04/05/11 | 49 | | 11/034 | 7210/000 | |
| 271 | Steve's Ironmongery | €3.35 | €3.35 | D | PF | Paint brush & Thinner | 04/05/11 | 50 | | 10/189 | 2240/000 | |
| 272 | PC Wizards | €120.00 | €120.00 | D | PF | External Hard Drive | 06/05/11 | 259 | | 11/082 | 7330/000 | |
| 273 | Sound Vision Print Ltd | €105.63 | €105.63 | D | PF | Avviz Laqgha Pubblika | 18/04/11 | KH/3/44 | | | 2940/000 | |
| 274 | Allied Newspapers | €103.37 | €103.37 | D | PF | Avviz KLM 2011/05 | 14/04/11 | AS1446906 | | | 2940/000 | |
| 275 | Image Systems Ltd | €51.94 | €51.94 | D | PF | Photopier Rent | 31/03/11 | RENT/047733 | | | 2330/000 | |
| 276 | Bitmac(Works Ltd) | €127.44 | €127.44 | D | PF | Instant Road Repair | 02/05/11 | 85007 | | 11/083 | 2210/000 | |
| 277* | Gordon Express Entertainment | €100.00 | €100.00 | D | PF | Avviz fuq Radio Hompesh tal-Coffee Morning u l-pageant | 19/04/11 | 1643 | | | 2940/000 | |
| 278 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €207.18 | €207.18 | T | PF | Road Marking as per job sheet No.9999 | 14/04/11 | 14513 | | | 2311/000 | |
| 279 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €203.06 | €203.06 | T | PF | Road Markings as per job sheet No.10535 | 08/04/11 | 14504 | | | 2311/000 | |
| 280 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €1,925.03 | €1,925.03 | T | PF | Road Markings as per job sheet No.10350 | 07/03/11 | 14486 | | | 2311/000 | |
| 281* | Mr. Joseph Pavia | €20.00 | €20.00 | D | PF | Photographic Service - Pageant | 19/04/11 | | | | 3370/000 | |
| 282* | Ghaqda Muzikali Sant'Anna | €250.00 | €250.00 | D | PF | Servizz ta' Banda fil-Karnival | 13/04/11 | 42 | | | 3360/000 | |
| 283 | Retina Telecomm Ltd | €41.30 | €41.30 | D | PF | Repair on telephone set | 12/04/11 | 61187 | | | 2670/000 | |
| 284 | Melita p.l.c | €19.98 | €19.98 | D | PF | Cable TV | 01/04/11 | 73984 | | | 2170/000 | |
| | **Sub Total c/f** | **€4,147.58** | **€4,147.58** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,147.58** | **€4,147.58** | | | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| *265,*277p/o,*281 | Activity Good Friday |
| *282 | Activity Karnival |

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 15/04/2011 sa 17/5/2011

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 285 | Smart Office Supplies Ltd | €59.00 | €59.00 | D | PF | Stationery | 25/04/11 | 13022127 | | 11/079 | 2620/000 | |
| 286 | Smart Office Supplies Ltd | €114.46 | €114.46 | D | PF | Stationery | 14/04/11 | 13021967 | | 11/075 | 2620/000 | |
| 287* | Mrs. Josianne Spiteri | €300.00 | €300.00 | D | PF | Make up for Pageant | 18/04/11 | | | | 3370/000 | |
| 288 | Mr. Alfred Debono | €40.00 | €40.00 | D | PF | Re-emboursement Cultural Act.- March 11 | 15/04/11 | | | | 3370/000 | |
| 289* | Union Print Ltd | €380.10 | €380.10 | T | PF | 300 bookets and 50 posters - Good Friday | 20/04/11 | PI002460 | | | 2610/000 | |
| 290 | Union Print Ltd | €2,241.75 | €2,241.75 | T | PF | 4500 Magazine No.5 | 21/04/11 | PI002473 | | | 2970/000 | |
| 291 | Veritas Press | €448.40 | €448.40 | D | PF | 100 books purchase/works order forms | 05/05/11 | 19400 | | 11/073 | 2610/000 | |
| 292 | Mr. Keith Abela | €175.00 | €175.00 | D | PF | Filming service | 06/05/11 | 2211 | | | 2660/000 | |
| 293* | Centru 19 ta' Novemberu 1944 | €745.00 | €745.00 | D | PF | Atturi għall-pageant | 08/05/11 | | | | 3370/000 | |
| 294 | In Design (Malta) Ltd | €227.21 | €227.21 | D | PF | Unifroms | 27/04/11 | 36381 | | 11/074 | 2230/000 | |
| 295 | Coleiro General Supplies Ltd | €379.42 | €379.42 | D | PF | Road Marking Paint & Thinner | 05/05/11 | 226771 | | 11/084 | 2210/000 | |
| 296 | Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali | €4,956.55 | €4,956.55 | D | PF | Warden Service - April 11 | 04/05/11 | JC-001/MSA | | | 3630/000 | |
| 297 | Ms. Graziella Mallia | €152.36 | €152.36 | D | PF | Librarian April 11 | | | | | 3191/000 | |
| 298* | Kappillan | €150.00 | €150.00 | D | PF | Servizz tal-Parocca - Pageant | 02/05/11 | | | | 3370/000 | |
| 299* | R & A Waste Service Ltd | €10,139.22 | €9,779.40 | K | PF | Refuse Collection April 2011 | 30/04/11 | 8656 | | | 3041/000 | |
| 300 | Nexos Street Lighting | €233.64 | €233.64 | T | PF | Access to use SLPM reporting system for the year 2011 | 03/05/11 | 201027 | | | 3058/000 | |
| 301 | Accountant, Cleansing Services Dep | €634.01 | €634.01 | T | PF | Public Convenience for April 11 | 03/05/11 | MLC/11/40186 | | | 3053/000 | |
| 302 | MITA | €44.73 | €44.73 | D | PF | E mail Accounts from Jan-March 11 | 29/04/11 | SIN024769 | | | 3110/000 | |
| 303 | Enemalta | €233.00 | €233.00 | D | PF | Update of database, Form A demarcation charges | 02/05/11 | 1.8E+09 | | | 2130/000 | |
| 304 | Jon David | €201.78 | €201.78 | D | PF | Marsaskala, European & Maltese Flags | 29/04/11 | 1199836 | | 11/067 | 2240/000 | |
| | **Sub Total c/f** | **€21,855.63** | **€21,495.81** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€4,147.58** | **€4,147.58** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€26,003.21** | **€25,643.39** | | | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| 287*,289*,293*,298* | Activity Good Friday |
| 299* | Contracts Manager Certified |

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 15/04/2011 sa 17/5/2011

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 305 | Med Design Associates | €1,270.00 | €1,270.00 | T | PF | Profesional Fees for Tender of Pjazza Mifsud Bonnici | 06/05/11 | 30005363 | | | 3190/000 | |
| 306 | Med Design Associates | €187.95 | €187.95 | T | PF | Professional Fees for Pavements works | 14/04/11 | 30005286 | | | 3190/000 | |
| 307 | Med Design Associates | €265.00 | €265.00 | T | PF | Professional Fees - Survey of Pjazza Mifsud Bonnici | 13/04/11 | 30005281 | | | 3190/000 | |
| 308 | Med Design Associates | €100.00 | €100.00 | T | PF | Professional Fees - Printing Expenses | 09/03/11 | 30005142 | | | 3190/000 | |
| 309* | Mr. David Grasso | €454.00 | €454.00 | D | PF | PA Systems for Pageant | 18/04/11 | | | | 3370/000 | |
| 310 | Media Link | €82.13 | €82.13 | D | PF | Avviz KLM 2011/05 | 15/04/11 | 45714 | | | 2940/000 | |
| 311* | Gesco Signs Ltd | €200.60 | €200.60 | D | PF | Direct Print on 3mm PVC - Arti fil-Berah | 25/04/11 | 12022 | | | 2610/000 | |
| 312 | Go plc | €22.29 | €22.29 | D | PF | Telephone Bill - 21637744 | 13/04/11 | 25545830 | | | 2160/000 | |
| 313 | Go plc | €342.62 | €342.62 | D | PF | Telephone Bill - 21632861, 21633887, 21637171 | 13/04/11 | 25545828 | | | 2160/000 | |
| 314 | MB Distribution Ltd | €256.74 | €256.74 | D | PF | Cartridges | 09/05/11 | 127606 | | 15 | 2620/000 | |
| 315 | MB Distribution Ltd | €233.05 | €233.05 | D | PF | Cartridges | 10/05/11 | 127657 | | 17 | 2620/000 | |
| 316 | Acc, Cleansing Directorate | €35.40 | €35.40 | D | PF | Extra Service Public Convenience - April 11 | 06/05/11 | ES/11/2011186 | | | 3053/000 | |
| 317 | Mailbox Services Ltd | €131.99 | €131.99 | D | PF | Distribution of Magazine | 28/04/11 | 519 | | | 2640/000 | |
| 318 | The Treasury, Vodafone Malta Ltd | €151.23 | €151.23 | D | PF | Mobile Service 79637171 - April 11 | 01/05/11 | 2406134052011 | | | 2160/000 | |
| 319 | WasteServ Malta Ltd | €5,516.23 | €4,161.25 | D | PF | MSW waste for February 2011 | 15/04/11 | 8601 | | | 3040/000 | |
| 320 | Union Print | €82.69 | €82.69 | D | PF | Avviz KLM 2011/05 | 30/04/11 | AI004854 | | | 2610/000 | |
| 321 | HSBC Bank Malta plc (Toni's Wine & Spirit) | €162.75 | €162.75 | D | PF | Beverages | 10/05/11 | 1029369 | | 11 | 2240/000 | |
| 322 | Smart Office Supplies Ltd | €141.60 | €141.60 | D | PF | Stationery | 09/05/11 | 13022473 | | 3 | 2620/000 | |
| 323 | Mr. Neil Caruana | €250.00 | €250.00 | D | PF | Search & recovery of corrupted documents | 02/05/11 | 1 | | | 3110/000 | |
| 324 | Graphics Bazaar | €171.95 | €171.95 | D | PF | Local Newspapers 1/4/11 - 3/5/11 | 17/05/11 | 59823 | | | 2240/000 | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,058.22** | **€8,703.24** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€26,003.21** | **€25,643.39** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€36,061.43** | **€34,346.63** | | | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| 309* | Activity Good Friday |
| 311* | Activity Arti fil-Berah |

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data:** 15/04/2011 sa 17/5/2011

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 325 | Image Systems Ltd | €87.70 | €87.70 | D | PF | Photopier Rent | 30/04/11 | RENT/048492 | | | 2330/000 | |
| 326* | Nexos Lighting Technology | €708.00 | €500.00 | T | PF | Rental of lighting equipment for pageant | 26/04/11 | 9363 | | | 3370/000 | |
| 327 | The Gofer Ltd | €164.50 | €164.50 | D | PF | Stationery | 10/05/11 | G03005 | | 16 | 2620/000 | |
| 328 | The Gofer Ltd | -€1.12 | -€1.12 | D | PF | Credit Note | 01/02/11 | 174 | | | 2620/000 | |
| 329 | Med Design Associates | €100.00 | €100.00 | T | PF | Printing Expenses Pjazza Mifsud Bonnici | 10/05/11 | 30005389 | | | 7240/000 | |
| 330* | Med Design Associates | €4,051.00 | €4,051.00 | T | PF | Expenses for Leasure Park (Gal Xlokk) | 09/05/11 | 30005379 | | | 7500/000 | |
| | | | | | | **Lista ta' Hlasijiet Addizjonali bi Kreditu** | | | | | | |
| 331 | Mr. Alfred Debono | €40.00 | €40.00 | D | PF | Re-embursement Cultural Act.- April 11 | 17/05/11 | | | | 3370/000 | |
| 332* | Nexos Lighting Technology | €4,686.49 | €4,686.49 | T | PF | Street Lighting | 10/05/11 | 1083 | | | 3058/000 | |
| 333 | ARMS | €68.46 | €68.46 | D | PF | Water & Elec - Public Toilet at Zonqor Point | 11/05/11 | 13599262 | | | 2130/000 | |
| 334 | ARMS | €172.05 | €172.05 | D | PF | Water & Electricty Playing field Misraħ Mifsud Bonnici | 11/05/11 | 13599261 | | | 2130/000 | |
| 335 | ARMS | €173.64 | €173.64 | D | PF | Water & Elec - Fountain Water Pump in public | 11/05/11 | 13599260 | | | 2130/000 | |
| 336 | ARMS | €45.64 | €45.64 | D | PF | Water & Elec - Public Garden Triq is-Salvja | 11/05/11 | 13599259 | | | 2130/000 | |
| 337 | ARMS | €54.57 | €54.57 | D | PF | Water & Elec - Public Garden Triq is-Salvja | 11/05/11 | 13599258 | | | 2130/000 | |
| 338* | Police Dep. | €80.33 | €80.33 | D | PF | Police Service - Arti fil-Beraħ | 07/05/11 | 34063 | | | 2610/000 | |
| 339* | Ms. Mandy Pellicano | €70.00 | €70.00 | D | PF | Carnival Dance | 13/05/11 | 2 | | | 3360/000 | |
| 340 | Oasis Ironmongery | €197.98 | €197.98 | D | PF | Consumables | | 2663 | | | 2240/000 | |
| 341 | Oasis Ironmongery | €4.33 | €4.33 | D | PF | Pinzell & White Spirit | 09/05/11 | 1052 | | 2 | 2240/000 | |
| 342 | Oasis Ironmongery | €8.08 | €8.08 | D | PF | Pinzell & Silicone | 13/05/11 | 1053 | | 19 | 2240/000 | |
| 343 | Oasis Ironmongery | €43.67 | €43.67 | D | PF | Consumables | 12/05/11 | 1051 | | 18 | 2240/000 | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,755.32** | **€10,547.32** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€36,061.43** | **€34,346.63** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€46,816.75** | **€44,893.95** | | | | | | | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 326* | Activity Good Friday & Contracts Manager Certified | 339* | Activity Carnival |
| 330* | Leisure Park - Gal Xlokk | 338* | Activity - Arti fil-Beraħ |
| 332* | Contracts Manager Certified | | |

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 15/04/2011 sa 17/5/2011

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 344 | Go plc | €319.54 | €319.54 | D | PF | Telephone Bill - 21632861, 21633887, 21637171 | 12/05/11 | 25732569 | | | 2160/000 | |
| 345 | Go plc | €19.42 | €19.42 | D | PF | Telephone Bill -21637744 | 12/05/11 | 25732517 | | | 2160/000 | |
| 346* | Mr. Ronald Bezzina | €3,577.53 | €3,577.53 | T | PF | Street Sweeping & Grass Cutting U.R - April 11 | 30/04/11 | 40 | | | 3051/000 | |
| 347* | ELC | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | Parks & Gardens & Soft Areas - April 11 | 30/04/11 | 7178 | | | 3061/000 | |
| 348* | Mr. Ronald Bezzina | €1,017.45 | €1,017.45 | T | PF | Bulky Refuse - March 11 | 30/03/11 | 18 | | | 3042/000 | |
| 349* | Mr. Ronald Bezzina | €350.00 | €350.00 | T | PF | Works Extra April 11 | 30/04/11 | 39 | | | 3051/000 | |
| 350 | Mr. Anglu Grech | €245.44 | €245.44 | D | PF | Konkos | 20/04/11 | 1397 | | | 2240/000 | |
| 351 | Mr. Ronald Bezzina | €1,038.82 | €1,038.82 | T | PF | Bulky Refuse - February 2011 | 28/02/11 | 17 | | | 3042/000 | |
| 352* | Nexos Street Lighting | €1,678.80 | €1,678.80 | T | PF | Lighting for Douzelage Monument | 15/05/11 | 2010140 | | | 7100/000 | |
| 353 | Nexos Street Lighting | -€21.02 | -€21.02 | T | PF | Credit note job number 8200 invoice 1083 | 16/05/11 | 2008754 | | | 3058/000 | |
| 354 | Nexos Street Lighting | -€54.87 | -€54.87 | T | PF | Credit Note job number 8052 invoice 1083 | 16/05/11 | 2008753 | | | 3058/000 | |
| 355* | Karmig Trading | €847.57 | €805.19 | T | PF | Construction Works Triq is-Silla | 17/05/11 | 887 | | 10/07/05 | 2370/000 | |
| 356* | Karmig Trading | €252.00 | €239.40 | T | PF | Construction Works Triq id-Daħla San Tumas | 17/05/11 | 886 | | 9 | 2370/000 | |
| 357* | Karmig Trading | €84.00 | €79.80 | T | PF | Construction Works Bajja San Tumas | 17/05/11 | 885 | | 7 | 2370/000 | |
| 358* | Karmig Trading | €42.00 | €39.90 | T | PF | Construction Works Triq il-Kosbor | 17/05/11 | 884 | | 5 | 2370/000 | |
| 359* | Karmig Trading | €842.87 | €800.73 | T | PF | Construction Works Triq is-Salini | 17/05/11 | 883 | | 10/07/05 | 2370/000 | |
| 360* | Karmig Trading | €2,352.13 | €2,234.52 | T | PF | Construction Works Triq iz-Zonqor | 17/05/11 | 882 | | 10 | 2370/000 | |
| 361* | Karmig Trading | €606.26 | €575.95 | T | PF | Construction Works Triq is-Salini | 17/05/11 | 889 | | 11/04/05 | 2370/000 | |
| 362* | Karmig Trading | €130.00 | €123.50 | T | PF | Construction Works Bajja San Tumas | 17/05/11 | 888 | | 6 | 2370/000 | |
| | **Sub Total c/f** | **€14,871.69** | **€14,613.85** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€46,816.75** | **€44,893.95** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€61,688.44** | **€59,507.80** | | | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| 346*, 347*, 348*, 349*, 352*,355* | Contracts Manager Certified |
| 356*,357*,358*,359*,360*,361*,362* | Contracts Manager Certified |

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 15/04/2011 sa 17/5/2011

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 363 | C.I.R | 2784.77 | 2784.77 | D | PF | Reduction in penalities of FS5 and SSC Scheme 2001, 2002, 2004 | 21/04/11 | | | | 1501/000 | 7585 |
| 364 | D.O.I | €9.32 | €9.32 | D | PF | Avviz MLC 03/2011 | 21/04/11 | | | | 2940/000 | 7584 |
| 365 | Mr. A Portelli | €2,445.84 | €2,445.84 | T | PF | Council Premises Rent from May - July 11 | 21/04/11 | | | | 2400/000 | 7583 |
| 366 | Mr. Christphofer J. Pugh | €236.00 | €236.00 | D | PF | Premises for Public Meeting | 25/04/11 | | | | 3350/000 | 7587 |
| 367 | Lourdes Service Station | €70.00 | €70.00 | D | PF | Fuel for Van | 25/04/11 | | | | 2750/000 | 7586 |
| 368 | C.I.R | €2,239.94 | €2,239.94 | D | PF | FS5 for April 2011 | 21/04/11 | | | | 1501/000 | 7588 |
| 369 | Sindku | €795.50 | €795.50 | D | PF | Honoraria April 2011 | 27/04/11 | | | | 1100/000 | 7589 |
| 370 | Segretarju Eżekuttiv | €1,712.19 | €1,712.19 | D | PF | Salary Arpil 11 | 27/04/11 | | | | 1200/000 | 7590 |
| 371 | Impjegata C | €1,045.36 | €1,045.36 | D | PF | Salary Arpil 11 | 27/04/11 | | | | 1201/000 | 7591 |
| 372 | Impjegata D | €938.11 | €938.11 | D | PF | Salary Arpil 11 | 27/04/11 | | | | 1202/000 | 7592 |
| 373 | Impjegata E | €619.34 | €619.34 | D | PF | Salary Arpil 11 | 27/04/11 | | | | 1206/000 | 7593 |
| 374 | Impjegata F | €1,156.09 | €1,156.09 | D | PF | Salary Arpil 11 | 27/04/11 | | | | 1205/000 | 7594 |
| 375 | Impjegata H | €919.60 | €919.60 | D | PF | Salary Arpil 11 | 27/04/11 | | | | 1203/000 | 7595 |
| 376 | Impjegata I | €984.71 | €984.71 | D | PF | Salary Arpil 11 | 27/04/11 | | | | 1204/000 | 7596 |
| 377* | Bov Marsaskala (MEPA) | €60.00 | €60.00 | D | PF | Gnien San Tumas (Gal Xlokk) | 02/05/11 | | | | 7500/000 | 7597 |
| 378 | Local Council Association | €592.00 | €592.00 | D | PF | Group Health Insurance May-Dec 2011 | 04/05/11 | | | | 3030/000 | 7598 |
| 379 | Lourdes Service Station | €50.00 | €50.00 | D | PF | Fuel for Van | 04/05/11 | | | | 2750/000 | 7599 |
| 380 | Selves | €103.40 | €103.40 | D | PF | Petty Cash April 11 | 04/05/11 | | | | 5010/000 | 7600 |
| 381 | Association of Local Council | €112.00 | €112.00 | D | PF | Laqgħa għas-Sindku 20 u 21 ta' Mejju 2011 | 06/05/11 | | | | 3690/000 | 7601 |
| | **Sub Total c/f** | **€16,874.17** | **€16,874.17** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€61,688.44** | **€59,507.80** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€78,562.61** | **€76,381.97** | | | | | | | | | |

377* Gnien San Tumas (Gal Xlokk)

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 15/04/2011 sa 17/5/2011

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal- Invoice | Nru. tal- Invoice | Nru. tal- PR | Nru. Tal- PO | Nru. tan- Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 382 | IPS Ltd | €156.74 | €156.74 | D | PF | Overtime for IPSL workers April 11 | 09/05/11 | | | | 1700/000 | 7603 |
| 383 | Inspire | €62.54 | €62.54 | D | PF | Money Collected form children's Party 2010 | 09/05/11 | | | | 3390/000 | 7604 |
| 384 | D.O.I | €9.32 | €9.32 | D | PF | Avviz KLM 2011/06 | 09/05/11 | | | | 2940/000 | 7602 |
| 385 | Parmaount Garage | €224.20 | €224.20 | D | PF | 2 Coaches for Gozo Outing from M'Skala to Cirkewwa | 17/05/11 | | | | 3360/000 | 7605 |
| 386 | Lourdes Service Station | €70.00 | €70.00 | D | PF | Fuel for Van | 17/05/11 | | | | 2750/000 | 7606 |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€522.80** | **€522.80** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€78,562.61** | **€76,381.97** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€79,085.41** | **€76,904.77** | | | | | | | | | |

5.0 ***Aġġudikazzjoi ta' sejħiet għall-offerti u Kwotazzjonijiet:***

5.1 **MLC 03/2011 – Quotation for Lease of premises as a training centre to be used by Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li għal din it-talba ntefgħet kwotazzjoni waħda mis-Sur Adrian Cassar bl-ammont ta' €1,400 fis-sena.

Il-Kunsill approva unanimament li jaċċetta din il-kwotazzjoni sabiex il-Kunsill ikollu *training centre* aktar xieraq.

5.2 **KLM 2011/05 - Air Quality Specialist at Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li għal din it-talba ntefgħet tender waħda dik ta' D. Consulta Ltd bl-ammont ta' €1,575.00 fix-xahar.

Is-Sindku qal li għar-rigward dan il-Kunsill għandu jiċċekja sew f'liema stadju waslu il-laqgħat li kellhom isiru bejn il-MEPA u l-WasteServ.

Il-Kunsill approva unanimament li għall-laqgħa li jmiss kull kunsillier li jaf b'xi persuna teknika għal dan ir-rigward jipproponih sabiex jiġi ffurmat bord ta' aġġudikazzjoni fejn dan il-bord ilesti set ta' mistoqsijiet li għandhom jagħmlu lill-kuntrattur li ttenderja għal dan il-kuntratt. Wara dan il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni.

6.0 ***Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-Sena Jannar-Marzu 2011:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal ir-rapport finanzjarju (kopja mehmuża).

Il-Kunsill approva unanimament.

7.0 ***Mistoqsijiet :***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***Mozzjonijiet :***

**Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud (#254-27/04/11):**

*"Jipproponi sabiex il-biċċa bankina li fadal bejn Triq il-Blajjiet u Żonqor Point issir għax qegħda fi stat ħażin".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata peress li se ssir iktar 'il quddiem mill-fondi tal-UIF.

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

9.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li se jsiru 3 korsijiet ġodda. Wieħed ta' l-Arti, Krafts u Kompjuter għat-tfal.

9.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li baqa` xahar biex jispiċċa l-kors tal-Malti (*Lifelong Learning Courses*) madwar 8 sessions oħra, u dan il-kors kien qed isir fid-Driftwood Restorant b'xejn. Inbidel is-sid ta' dan ir-restorant u s-sid il-ġdid qed jitlob is-somma ta' €25 għal kull session.

Il-Kunsill approva unanimament peress li mhux se nilħqu nirranġaw il-garaxx tal-Kunsill u kull ma baqa` xahar wieħed biex jispiċċa dan il-kors.

9.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li se tirtira mis-Sotto Kumitat tal-Kultura, għax is-Sur Alfred Debono kapaċi jagħmel kollox waħdu u hi se tiffoka aktar fuq is-Sotto Kumitat tal-Familja u Edukazzjoni. Din ir-riżenja ġiet aċċettata.

9.4 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li nbdiet it-trinka fi Triq il-Maħsel mill-Karmig. Huwa qed jissuġġerixxi li kif tispiċċa t-trinka hemm biċċa bankina ta' madwar 36 metri sabiex nirranġawa, minħabba li tinsab fi stat diżastruż biex eventwalment jiġu nstallati d-dwal tat-toroq fuq arbli.

Il-Kunsill approva unanimament.

10.0 **Aġġornament :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.20p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku